

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Marcu Dumitru

Konvenuti: Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF) u Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice.

Domanda preliminari

F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, id-Direttiva 77/388/KEE⁽¹⁾ u d-Direttiva 2006/112/KE⁽²⁾ jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali jew prassi fiskali skont liema, il-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni (miżuri ta' simplifikazzjoni), li dak iż-żmien kien obbligatorju għal tranżazzjonijiet relatati ma' art bejn persuni suġġetti għall-VAT, ma huwiex applikabbli għal persuna li tkun għet issuġġettata għal investigazzjoni fiskali u li għet irreġistrata, awtomatikament, għall-finijiet ta' VAT wara din l-investigazzjoni, għar-raġuni li dik il-persuna ma applikatx u ma kisbitx ir-reġistrazzjoni qabel ma twettqu dawn it-tranżazzjonijiet jew qabel ma inqabeż il-limitu massimu.

⁽¹⁾ Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol.1, p. 23).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Trier (il-Ġermanja) fl-1 ta' Awwissu 2016 –
Verband Sozialer Wettbewerb e.V. vs TofuTown.com GmbH**

(Kawża C-422/16)

(2016/C 350/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Trier

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Verband Sozialer Wettbewerb e.V.

Konvenuta: TofuTown.com GmbH

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 78(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [iktar 'il quddiem ir-“Regolament (UE) Nru 1308/2013”] għandu jiġi interpretat fis-sens li d-definizzjonijiet, id-denominazzjonijiet u d-deskrizzjonijiet ta' bejgħ previsti fl-Anness VII *ma għandhomx* għalfejn jissodisfaw l-eżiġenzi korrispondenti ddefiniti fl-imsemmi anness jekk dawn id-definizzjonijiet, id-denominazzjonijiet u d-deskrizzjonijiet ta' bejgħ ikunu elaborati b'indikazzjonijiet kjarifikatorji jew deskrittivi (bħal pereżempju “butir tat-tofu” għal prodott purament veġetali)?
- 2) Il-punt 1 tal-Parti III tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-denominazzjoni “ħalib” hija rriżervata esklużivament għal prodott tas-sekrezzjoni mammarja normali miksub minn ħalba waħda jew iktar, mingħajr ebda żieda jew estrazzjoni, jew din id-denominazzjoni tista' wkoll tintuża għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti veġetali (vegani), u fejn neċessarju, biż-żieda ta' termini kjarifikatorji bħal “ħalib tas-soja”?
- 3) Il-punt 2 tal-Parti III tal-Anness VII, b'konnessjoni mal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-denominazzjonijiet elenkati fid-dettall fil-punt 2.a, b'mod partikolari, ix-“xorrox”, il-“krema”, il-“butir”, ix-“xorrox tal-butir”, il-“ġobon”, il-“jogurt” jew it-terminu “panna” eċċ, huma rriżervati biss għall-prodotti tal-ħalib, jew prodotti purament veġetali (vegani), li ġew immanifatturati mingħajr ħalib (tal-annimali), jistgħu wkoll jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 2 tal-Parti III tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013?

⁽¹⁾ ĠU L 347, p. 671.